# Primary HealthCare

# Rapport Annwali

# 2018

# INDIĊI

INTRODUZZJONI .......... ...3

IL-PROGRAMM TAL-GVERN ..........4

PROĠETTI LI SARU MATUL 2018 ..........4

PROĠETTI TAL-INFORMATIKA U T-TELEKOMMUNIKAZZJONI (ICT) -2018..........6

SERVIZZI ĠODDA U ESTENSJONIJIET TA' DIVERSI KLINIĊI – 2018..........7

RIŻORSI UMANI..........11

SEZZJONI TAL-ACCOUNTS U PROCUREMENT ..........12

SERVIZZI KLINIĊI PPROVDUTI FID-DIPARTIMENT TAL-PRIMARY HEALTHCARE ..........14

NATIONAL HEALTH SCREENING UNIT ..........19

IS-SERVIZZI TA` SPIŻERIJA FIL-KOMUNITA` ..........21

SPEECH AND LANGUAGE PATHOLOGY ..........21

KURA TAS-SAĦĦA TAT-TFAL U SERVIZZ NAZZJONALI TAT-TILQIM ..........21

KLINIĊI SPEĊJALIZZATI OĦRA ..........22

IĊ-ĊENTRU TAS-SAĦĦA F'GĦAWDEX ..........23

PROGRAMM TA' TAĦRIĠ SPEĊĊJALIZZAT FIL- MEDIĊINA TAL-FAMILJA..........23

CUSTOMER CARE ..........23

PRACTICE DEVELOPMENT UNIT ..........24

MIGRANT HEALTH LIAISON OFFICE ..........24

KONKLUŻJONI ..........24

# INTRODUZZJONI

Is-sena 2018 kienet waħda ta' nota strordinarja fl-operat tal-Kura Primarja (Primary HealthCare) meta mqabbla mal-iżviluppi li saru f'dawn l-aħħar 30 sena. Hekk kif fassalna b'ritmu mgħaġġel u meqjuż riforma sħiħa tas-servizzi mmirati biex jaqdu l-ħtiġijiet u l-aspettativi tal-klijeti, daqstant kienet konsistenti l-ħidma biex dak ippjanat ikun imwettaq. B'ħidma sfieqa mit-tim kollu sew dak Mediku, Nursing, para-mediku u amministrattiv, specjalment fl-aħħar nofs tas-sena meta proġetti bħal ftuħ ta' Ċentru tas-Saħħa ġdid f'Ħal Kirkop, immodernizzar tal-Klinika f'Ħaż-Żebbuġ, il-ftuħ tal-Klinka ta-Xewkija f'Għawdex, ftuħ tal-ewwel Ċentru ta' Eċċellenza tal-Patoloġija tal-Lingwa Mitkelma, l-iffirmar tal-*Memorandun of Understanding* mal-Assoċjażżjoni tal-Kunsilli Lokali, il-logo il-ġdid flimkin mal-*Mission Statement* u oħrajn ġew inawgurati għas-sodisfazzjon tal-komunita in generali, fid-dawl tal-prijoritajiet tal-amministrazzjoni li tipprovdi kura aħjar għal kulhadd u twassal servizz eċċellenti tas-Saħħa Nazzjonali. Kien ta' unur speċjali li l-Primary HealthCare ingħatat l-inkarigu biex tmexxi delegazzjoni biex tieħu sehem fil-Konferenza Mondjali tal-Kura Primarja li saret ġewwa l-Kazakstan, fejn ġie mfakkar l-erbgħin anniversarju mill- Konferenza storika li saret ġewwa Alma Ata fir-Russja fl-1978, meta l-kura primarja telgħet fuq livell għoli ta' profil internazzjonali daqs qatt qabel.

Id-disa' Ċentri tas-Saħħa f' Malta u wieħed f'Għawdex, it -tnejn u erbgħin klinika fil-kommunita' (Berġa) f'Malta u tnax ġewwa Għawdex kienu bla waqfien mizgħuda bl-attendenzi miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex tingħatalhom kura jew attenzjoni medika. Ma din il-ħidma ma naqsux is-servizzi tas-saħħa mifruxa fl-iskejjel u kliniċi specjalizzati oħra.

Kien ta' sodisfazzjon li ġew imsaħħa l-mezzi ta' komunikazzjoni sabiex is-servizzi li l-Primary HealthCare tipprovdi fuq bażi lokali, kif ukoll nazzjonali, jkunu magħrufa mill-pubbliku bl-iskop ta' aktar aċċessibilita u sfruttar sew tal-valuri marbuta mal-istess servizzi.

Ir-rizultat aħħari tas-sena 2018 jimlijna b'aktar entużjażmu biex inħarsu bl-akbar ottimiżmu għas-sena 2019, meta ir-riforma fil-qasam tal-Primary HealthCare tkompli titwettaq u tissaħħaħ ħalli verament inkunu l-ewwel punt ta' kuntatt għal kull min għandu ħtieġa ta' servizzi mediċi; servizzi bbażati fuq użu ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni tal-aħħar ġenerazzjoni flimkien mal-użu ta' apparat sofistikat u tal-aħħar ġenerazzjoni, bil-ħaddiema kliniċi mħarrġa professjonalment ħalli jagħtu kif jixraq l-aħjar servizz ta' kwalita' u effettiv f'waqtu lill-komunita' kollha.

## IL-PROGRAMM TAL-GVERN

### Infrastruttura

Quddiem l-iżvilupp ta` bżonnijiet tas-saħħa u bżonnijiet soċjali, il-Primary HealthCare qed iżomm ruħu aġġornat billi jkompli jinvesti fl-infrastruttura sabiex itejjeb l-aċċessibilta` għas-servizzi. Ix-xogħlijiet ta` tiġdid fiċ-Ċentri tas-Saħħa komplew matul is-sena sabiex jiżdiedu s-servizzi pprovduti lill-poplu Malti mingħajr ma' jkun hemm interuzzjoni fis-servizzi pprovduti u l-klijenti jingħataw l-aħjar kura possibli.

## PROĠETTI LI SARU MATUL L-2018

### *Il-Hub Vincent Moran fin-naħha t'isfel ta' Malta*

Fl-aħħar tas-sena 2018 ġie iffirmat il-kuntratt tal-bini tal-Ħub fin-naħħa t'isfel ta' Malta. Fil-bidu ta' din is-sena 2019, għandu jibda jinbena dan iċ-Ċentru kbir li huwa ppjanat li jitlesta sa 2021 u se joffri varjeta' kbira ta' servizzi għall-kura tal-klijenti.

Dan huwa bil-bosta l-aktar proġett ta' sfida li l-Primary HealthCare qatt għamlet. Iċ-Ċentru Reġjonali tar-Raħal Ġdid se joffri s-servizzi kollha li bħalissa qed jiġu offruti lill-pubbliku mic-Ċentru preżenti, kif ukoll servizzi ġodda. Il-Ħub għandu jinkludi wkoll sular sħiħ iddedikat għall-Kirurġija ta' pażjenti li jintbagħtu minn Mater Dei. Il-proġett jinkludi 23 offerta ta' xogħolijiet, li jkopru l-aspetti differenti tal-proġett, li jvarjaw mid-Disinn tal-bini, għall-akkwist tat-tagħmir mediku meħtieġ, għamara ġdida, sistemi tal-IT, landscaping eċċ. Uħud mill-offerti ta' xogħol diġà ġew ippubblikati u bħalissa qed jiġu evalwati minn bordijiet differenti sabiex jintgħażlu l-offerenti rispettivi. Offerti oħra jinsabu fl-aħħar fażi li jiġu ppubblikati.

### *Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop*

Waħda mill-miri għall-2018 kien il-konversjoni ta' binja f'Ħal Kirkop biex tkun tista' tilħaq l-aqwa standards ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u sservi ta' Ċentru tas-Saħħa ġdid li juża materjali u prodotti tal-kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop (KHC) il-ġdid, ġie uffiċjalment inawgurat nhar Settembru 2018.

### *Sistema Elettronika tal-Biljetti għall-Immaniġġjar tal-Kju tal-Pazjenti*

Matul l-2018, is-sistema tal-biljetti tal-kju l-qadima fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta inbidlet b'sistema ġdida identika għal dik li kienet installata qabel f'ħames Ċentri tas-Saħħa oħra. Is-sSistema l-ġdida tal-

biljetti ġiet installata wkoll fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop. Fl-2019 l-istess sistema ser tkun installata fiċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid t'Għawdex kif ukoll f'dak ta' Ħal-Qormi u tal-Gżira bħala parti mix-xogħlijiet ta' mmodernizżar. B'hekk is-sistema tal-kju ser tkun komuni fiċ-Ċentri tas-Saħħa kollha u tiġi sgurata uniformita' u servizz tal-aqwa standard għall-benefiċċju tal-partijiet kollha interessati.

### *Lift Ġdid fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta*

F'Mejju 2018, il-lift fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta ġie mibdul għal lift ġdid li jipprovdi aċċessibilita' għas-siġġu tar-roti kif ukoll għal streċer. Il-lift huwa kopert minn servizz ta' manutenzjoni ta' prevenzjoni / ħsara, u jiġi spezzjonat u ttestjat regolarment ta-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol.

### *Proġett fil-Berġa tax-Xewkija, Għawdex*

Dan il-proġett kien jinvolvi t-transformazzi ta' workshop tal-ex-MCAST fix-Xewkija Għawdex, fi Klinika tal-Kommunita' (Berġa), flimkien ma' Ċentru tad-Donazzjoni tad-Demm (dan immexxi minn NBTS). Il-bini ġie inawgurat uffiċjalment Mejju 2018. Barra s-servizz tat-tabib u n-nurse, bdeq jiġu offruti servizzi ġodda li jinkludu d-*Dietician* u servizz tal-Patoloġija tal-Lingwa Mitkelma (Speech Language Pathology).

### *Immodernizżar taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira*

Dan il-proġett ta' immodernizżar huwa maħsub biex itejjeb it-tqassim tal-binja għal waħda aktar moderna u f-istess waqt itejjeb l-aċċessibilità għall-pazjent permezz tal-installazzjoni ta' lift. Bħalissa qed isiru diversi xogħolijiet ta' tħejjija b'antiċipazzjoni għall-bidu tal-proġett ta' rinnovazzjoni. Barra minn hekk ser jiżdied ukoll is-servizz tal-fizjoterapija, li sal-lum il-pazjenti tal-akkwati ta' dan iċ-Ċentru qed ikollhom immoru f'Ċentri oħra biex jirċievu dan is-servizz. Il-binja fejn hemm iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira hija skjedata minnħabba l-valur storika tagħha u għaldaqstant ser isirilha ukoll restawr tal-faċċata.

### *Immodernizżar tal-Berġa ta' Ħaż-Żabbar*

Fl-2018 bdiet ħidma sfieqa bi tħejjija għall-introduzzjoni tas-servizz tal-Flebotomija fi ħdan din il-Klinika fil-Kommunita' (Berġa) ta' Ħaż-Żabbar. Bħalissa għaddej eserċizzju sabiex jiġu identifikati d-diversi xogħlijiet ta' mmodernizar meġtieġa ħalli l-post jkun jista jakkomoda l-introduzzjoni ta' dan servizz ġdid, kif ukoll servizzi oħra. Il-Primary HealthCare qed taħdem flinkien mat-Tim tal-Patoloġija

tal-iSptar Mater Dei sabiex jiġi żgurat li s-servizz jilħaq l-għola livell. Il-Klinika tal-Komunità ta' Ħaż-Żabbar se tintuża bħala proġett pilota.

## PROGETTI TAL-INFORMATIKA U T-TELEKOMMUNIKAZZJONI (ICT) MATUL L-2018

### *Electonic Patient Records għall-Primary HealthCare (EPR)*

Matul is-sena 2018, il-Primary HealthCare nieda l-proġett biex ikollu sistema elettronika li żżomm l-istorja medika tal-pazjenti li jużaw is-servizzi taċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Bereġ. Dan il-proġett hu ko-finanzjat mill-Fond Ewropew u jifforma parti mill-proġett CONVERGE. Dan il-proġett huwa ta' benefiċċju kbir għall-numru kbir ta' pazjenti u ħaddiema li jaħdmu mal-kura primarja, partikolarment dawk fiċ-Ċentri tas-Saħħa, minħabba li permezz tas-sistema komputerizzata ser ikun faċli biex tiġi aċċessata l-informazzjoni fuq il-pazjenti miċ-Centri tas-Saħħa kollha.

Il-kuntratt għal din is-sistema ġie iffirmat matul din is-sena sabiex is-sistema tidħol fis-seħħ u tibda tintuża lejn l-aħħar tal-2019.

### *Call Centre tal-Primary HealthCare*

Matul l-2018 il-*Call Centre fi ħdan il-Kura Primarja* rcieva total ta' 226,719 telefonata mill-pazjenti. Dan it-tim jirċievi taħriġ f'waqtu sabiex ikun dejjem tal-aqwa support u għajnua.

### *Sistemi tal-IT għall-Anticoagulation Point-of-Care*

Tkompla t-taħriġ għat-tobba u n-nurses fl-użu tas-sstemi diġitali li jittestjaw l-INR. Infetħet Klinika ġdida bħala parti miċ-Ċentru tas-Saħħa ġdid f'Ħal Kirkop. Is-servizz ta' *Anticoagulant clinic* baqa' jiġi ikkonsolidat u estiż għall-pazjenti oħra u b'hekk dan il-proġett, li nbeda fl-2014, kompla jikber matul is-snin filwaqt li kompliet tissaħħaħ id-devoluzzjoni tiegħu mill-Isptar Mater Dei għaċ-Ċentri tas-Saħħa. It-tnehdija ta` dan is-servizz miċ-Ċentri tas-Saħħa kabbar il-konvenjenza u l-aċċessibilita` għall-pazjenti peress li dan jinqdew aktar malajr. It-taħriġ kontiwu fuq dan il-programm baqa' jingħata matul l-2018.

### *Involviment tat-tobba fil-privat*

Il-Primary HealthCare kienet attiva matul is-sena sabiex tgħin fl-inizjattiva biex it-tobba li jaħdmu fil-privat ikollhom aċċess għas-sistemi tal-IT użati mid-Dipartiment tas-Saħħa.

Il-Primary HealthCare ħadmet flimkien mal-MITA fuq il-proġett fejn it-tobba li jaħdmu fil-privat ikunu jistgħu jordnaw testijiet tad-demm li jsiru fil-laboratorji tal-isptar Mater Dei dirett minn fuq il-*myHealth*; liema proġett inbeda fl-2015. Dan il-proġett ġie fis-seħħ f'Settembru 2018.

Il-Primary HealthCare issa qed issegwi l-proċess sabiex tobba fil-privat ikunu jistgħu jordnaw *x-rays* minn fuq il-*myHealth* ukoll. Il-Primary HealthCare kellha numru ta' laqgħat mat-tobba fil-privat fuq is-sistema tal-*Electronic Patient Records*, liema sistema mistennija tkun offruta biex tintuża mit-tobba fil-privat ukoll.

### *Introduzzjoni tal-infrastruttura tal-IT fil-bereġ*

Permezz ta' dan il-proġett, li twettaq matul l-2018, 38 berġa f'Malta u dik tax-Xewkija f'Għawdex ġew mgħammra b'infrastruttura tal-Informazzjoni Teknoloġika. Is-sena d-dieħla mistenni jibda x-xogħol fuq 11-il berġa f'Għawdex, kif ukoll fil-bereġ tal-Birgu, tal-Pieta', Pembroke u l-Iklin.

## Servizzi Ġodda

### *Programm tal-Weight Managment fil-Primary HealthCare*

Il-piż żejjed u l-obeżità qed ikabbru t-tħassib fost il-popolazzjoni Maltija ta' kull eta'. Minn Marzu 2018, il-Primary HealthCare nediet servizz għall-immaniġġjar tal-piż li tiffoka fuq il-prevenzjoni tal-piż żejjed u l-obeżità. L-għan ta' dan il-programm huwa li jassisti u jgħin individwi bil-piż żejjed sabiex jitilfu l-piż, u jipprevjenu li terġa' takkwista u tevita aktar żieda fil-piż tul il-ħajja. Il-programm se jgħin biex tintlaħaq firxa ta' miri tas-saħħa pubblika, inkluż it-tnaqqis ta' mard ewlieni u li ma' jitteħidx li huwa assoċjat mal-obeżità.

### *Supply Chain and Logistic Management fil-Primary HealthCare*

F'April 2018 ġiet introdotta sistema trasparenti, responsabbli u traċċabbli tal-provvisti mediċinali u ta' kif jiġu mqassma dawn il-prodotti fiċ-Ċentri tas-Saħħa kollha. L-għan ewlieni huwa li jiġu introdotti mekkaniżmi li jkunu vantaġġużi finanzjarjament u effiċjenti, permezz ta' struttura professjonali u sostenibbli li żżid il-produzzjoni operattiva u d-disponibbiltà f'waqtha filwqat li tassigura li iċ-Centri jkunu ikollhom fornuti kif suppost.

### *Il-Primary HealthCare, Barts u The London Medical School*

Fil-qafas tal-ftehim attwali bejn Barts u l-Iskola tal-Mediċina u Dentistrija u l-Ministeru tas-Saħħa Malta, aktar minn 40 student mill-kampus ta' Għawdex ippreżentaw il-proġetti tagħhom u b'hekk temmew l-ewwel sena tagħhom kif mistenni. L-istudenti ġew assenjati mat-Tobba fl-ambjent tal-Primary HealthCare fid-diversi Ċentri tas-Saħħa madwar Malta. Diversi suġġetti assoċjati mas-saħħa pubblika inkluż il-konsum tal-alkoħol, id-dijabete u kundizzjonijiet tas-saħħa oħrajn ġew indirizzati.

### *Il-Primary HealthCare ingħatat l-Equality Mark Certification (NCPE)*

Fl-Lulju 2018, il-Primary HealthCare ġiet mogħtija ċ-Ċertifikat għall-Ugwaljanza mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Dan iċ-Certifikat huwa turija ta’ kemm il-Primary healthCare tippromwovi soċjetà li hija ugwali u ħielsa mid-diskriminazzjoni u tiffavorixxi l-inklużjoni fejn kulħadd, irrispettivament mir-responsabbiltajiet tas-sess u tal-familja tagħhom, razza jew etniċità, orjentazzjoni sesswali, età, reliġjon jew twemmin, u identità sesswali jew karatteristiċi sesswali, huwa kapaċi jilħaq il-potenzjal sħiħ tagħhom.

### *VolHealth – Servizzi ta’ Volontarjat*

F’Mejju 2018 ġie ffirmat Memorandum ta’ Ftehim bejn il-kumpanija SOS Malta u l-Primary HealthCare għall-introduzzjoni tas-servizz tal-volontarjat-VolHealth biex jassistu fiċ-Centri tas-Saħħa. Is-servizz huwa amministrat b'mod konġunt mill-Kap Eżekuttiv tal-Primary HealthCare, f'isem il-Ministeru għas-Saħħa, u SOS (Malta). Is-Servizz beda inizjalment fuq bażi ta’ progett pilota fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u hemm il-ħsieb li aktar tard jiġi estiż għaċ-Ċentri tas-Saħħa li joperaw fuq bażi ta’ 24/7 jiġifieri iċ-Ċentri tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid u dak tal-Mosta.

### *Inawgurazzjoni tal-Berġa fix-Xewkija, Għawdex*

F’Mejju 2018 ġiet inawgurata l-Berġa tax-Xewkija, f’Għawdex. Minbarra s-servizzi ta’ kuljum tal-GP Clinic, il-Berġa tax-Xewkija qed toffri żewġ servizzi ĠODDA li jinkludu, is-Servizz ta’ Programm ta’ Dietician li huwa disponibbli filgħaxija u s-servizz tal-Patoloġija tal-Lingwa Mitkelma (*Speech Language Pathology*); dan is-servizz jingħata kuljum. Żieda innovattiva għas-Servizzi fil-Berġa hija l-Unit tad-Donazzjoni tad-Demm.

### *Inawgurazzjoni tal-Berġa f’Ħaż-Żebbuġ, Malta.*

Matual l-2018 il-Berġa ta’ Ħaż-Żebbuġ għadiet minn fazi ta’ rinovazzji u immoderniżar estensiva; u nfetħet mill-ġdid għall-pubbliku f’Awissu 2018. Barra mis-servizz ta’ tabib u nurse u l-*Speech and Language Patholgy*, il-Berġa l-ġdida qed toffri wkoll is-servizzi ta’ *Dietician u Lifestyle Clinics*. Il-Klinika tal-Komunità ta’ Ħaż-Żebbuġ (Berġa) hija waħda mill-54 klinika komunitarja li jinsabu madwar Malta u Għawdex.

*Ċertifikat ta' Eċċellenza u għoti tal-ISO 9001 liċ-Ċentru tal-Speech and Language Patholgy f'Ħal-Luqa.*

F'Mejju 2018 ġie mgħoti iċ-Ċertifikat tal-iStandard Internazzjonali ISO 9001:2015 lill-i*Speech and Language Patholgy* mill- MCCAA għal kisba tal-għola livell ta' kwalita` ta' sistemi operattivi.

*Inawgurazzjoni taċ-Ċentru tas-Saħħa f'Ħal Kirkop.*

Iċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid f'Ħal Kirkop ġie uffiċjalment inawgurat nhar f'Settembru, 2018. Iċ-Ċentru tas-Saħħa qed jieħu ħsieb 28,000 resident miż-żoni tal-madwar biex b'hekk itaffi l-pressjoni minn fuq iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. Il-klinika qed taqdi r-residenti ta' Ħal-Far; Ħal-Farruġ; Ħal-Kirkop; Ħal-Luqa; Ħal-Safi; Imqabba, Qrendi u Żurrieq. Iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop joffri madwar 17-il servizz differenti. Id-dahhlet ukoll ghall-ewwel darba s-sistema ġdida tal-RFID (radio frequency identification) li ġiet ukoll inawgurata f'dan iċ-Ċentru tas-Saħħa, din hija sistema ta' moniteraġġ kontiwu ta' kull apparat mediku u għamara li hemm fiċ-Ċentru tas-Saħħa.

*Il-Logo il-ġdid tal-Primary HealthCare*

Bħala parti mill-eżerċizzju ta' *rebranding* tal-Primary HealthCare, ġie introdott disinn ġdid u innovattiv għall-logo tal-entita'. Il-logo għandu forma ta' tliet "Cs" f'ittri kapitali li jirrappreżentaw lid-dirajn tal-Primary Healthcare li qedgħin li jilħqu lejn il-komunità. Jekk inħarsu eqreb dawn jagħmlu forma ta' qalb; fis-sens li l-pazjent hu fiċ-ċentru tal-Primary HealthCare; għaldaqstant niżguraw li l-klijenti tagħna jgawdu mill-ogħla livell ta' saħħa mingħajr distinzjoni ta' razza, reliġjon, twemmin politiku, kundizzjoni ekonomika jew soċjali. Il-kuluri friski u ħajjin tal-*qroll, teal* u deheb huma ta' ħxuna differenti u jirrappreżentaw l-INKLUSSIVITÀ.

F'Settembru 2018, inbidel ukoll il-*Mission Statement* biex issa dan sar jirrefletti il-viżjoni u l-miri l-ġdodda u progressivi fejn t-Tim Multidixxiplinarju huwa s-sinsla tas-servizzi kollha li jingħataw mill-Primary HealthCare. Din il-viżjoni tħares il-miri l-ġodda msemmija fid-Dikjarazzjoni Dinjija tal-Kura Primarja maqbula waqt il-Konferenza mnedija mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa f'Astana, Kazakistan f'Ottubru 2018.

*Rekords Elettroniċi tal-Pazjent (EPR) għall-Primary HealthCare*

F'Ottubru 2018 ingħalaq u ingħata l-kuntratt ta' Rekords Elettroniċi tal-Pazjent (EPR). Din is-sistema il-ġdida se telimina il-files, ser iżomm rekords tal-pazjenti mingħajr karti, u tnaqqas ix-xogħol manwali.

### *Klinika tal-TransGender Wellbeing*

Il-Klinika tat-*TransGender Wellbeing* bdiet topera mill-Klinika tas-Saħħa fl-Imtarfa f'Ottubru. Il-klinika għandha l-għan li toffri kura tas-saħħa u aċċess għal terapija ħolistika għall-persuni transgender, permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-persuna. Wara l-emendi fl-Iskeda V tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali persuni transgender issa huma eliġibbli għall-kura u mediċini disponibbli fuq il-Lista Formulari tal-Gvern b'xejn. Persuni jistgħu jiġu riferuti f'din il-klinika minn tobba, psikologi u ħaddiema soċjali.

### *Programmi tal-AWTOKURA dwar il-Primary HealthCare*

Fis-6 ta' Ottubru 2018 bdiet ħidma intensiva mill-Primary HealthCare sabiex twassal it-tagħlim tagħha fuq il-media tat-televiżjoni. Il'fuq minn 35 programm bdew jixxandru fuq iż-żewġ stazzjonijiet televiżivi, TVM u TVM2, sabiex iwasslu tagħlim mediku u informazzjoni ta' prevenzjoni lill-pubbliku ta' Malta u Għawdex.

### *Il-Konferenza Dinjija tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħ fuq il-Primary HealthCare*

Delegazzjoni Maltija ipparteċipat fil-Konferenza Globali dwar il-Kura Primarja tas-Saħħa organiżżata mill-Organżżazzjoni Dinjija tas-Saħħa, WHO, in-Nazzjonijiet Uniti Internazzjonali tat-Tfal Fond ta' Emerġenza, UNICEF u l-Ministeru għall-Kura tas-Saħħa (il-Każakstan). Il-konferenza saret bejn il-25 u s-26 ta 'Ottubru 2018, f'Astana (Każakstan), nhar l-40 anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Alma-Ata u attendew għal din il-konferenza, il-Prim Ministru tal-Każakstan, Ministri u delegati tal-197 membru. Il-Konferenza kienet bbażata fuq il-kura tas-saħħa primarja, li ġiet identifikata bħala ċ-ċavetta għas-saħħa ġenerali.

### *Premju Ħaddiem tas-Sena 2018*

F'Diċembru tas-sena 2018, it-Tim tal-Primary HealthCare ħa sehem fil-Premju Ħaddiem tas-Sena fejn ikklassifika bħala finalist fil-kategorija 'Tim tas-sena'.

### *It-Tisħiħ tal-Kura tas-Saħħa fil-Komunita'*

Fl-10 ta' Diċembru ġie ffirmat Memorandum ta' ftehim dwar id-devoluzzjoni tal-Kliniċi tal-Komunità bejn il-Primary HealthCare u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan il-ftehim jiffaċilita d-devoluzzjoni tal-Kliniċi fil-Komunità, mill-post kurrenti tagħhom, għal post ġewwa l-Kunsill Lokali jew għal sit fil-komunità li huwa tal-Kunsill Lokali. Permezz ta' dan il-ftehim is-servizzi primarji tal-kura tas-saħħa f'Malta u Għawdex se jkunu aġġornati u standariżżati. Din is-sinerġija timxi fuq id-

Dikjarazzjoni ta'Astana 2018 "li tiżgura li kulħadd, u f'kull post ikun kapaċi jgawdi l-ogħla standard ta' saħħa li jista' jikseb".

### *ISO 9001:2015 għall-Primary HealthCare*

Il-Primary HealthCare qiegħed fil-proċess li jikseb iċ-Ċertifikat tal-ISO fl-oqsma tas-servizzi kollha fi ħdana. Għaldaqstant ġew imfassla u mwettqa bosta proċeduri (SOPs), linji gwida u dokumentazzjonijiet oħra biex tinħoloq prassi standarizzati u konformi, b'għan ta' titjib fis-servizzi pubbliċi kollha. Diġa' saru diversi laqgħat u ingħata taħriġ lill-impjegati bħala parti minn dan il-proċess. Din is-sena, dan il-proċess mistenni jimxi lejn it-tmiem tiegħu.

### *RIŻORSI UMANI*

Matul is-sena 2018, il-*Primary HealthCare* kompla bil-ħidma tiegħu sabiex isaħħaħ l-istruttura tar-Riżorsi Umani fi ħdanu. It-tim tal-Primary HealthCare huwa tim multidixxiplinarju u l-ħaddiema jammontaw għal madwar 900. Is-sezzjoni tar-Riżorsi Umani taħdem id f'id mas-sezzjoni Ċentrali fi ħdan il-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ikun konformi mal-istrateġija tal-politika tal-gvern.

Matul is-sena infetaħ Ċentru tas-Saħħa ġdid f'Ħal Kirkop u għaldaqstant ġew ingaġġati diversi impjegati sabiex jiġu offruti diversi servizzi minn dan iċ-Ċentru. Ġew ukoll ingaġġati diversi impjegati fosthom infermiera ġodda, tobba li jispeċjalizzaw fil-mediċina tal-familja, fiżjoterapisti u podoloġisti fost oħrajn sabiex ikomplu jtejbu s-servizzi li jingħataw miċ-Ċentri tas-Saħħa u mill-Bereġ madwar Malta u Għawdex.

### *Taħriġ*

Il-*Primary HealthCare* kompla jinvesti fit-taħriġ neċessarju għall-impjegati tiegħu. Għall-ewwel darba ingħata kors ta' taħriġ maqsum fuq ħamest'ijiem lill-infermiera ġodda li ġew ingaġġati mal-Primary *HealthCare*. Programmi ta` taħriġ kienu mogħtija wkoll lill-membri tal-*management*, *reception staff* u infermiera.

Il-*Primary HealthCare* jemmen li t-taħriġ professjonali kontinwu lill-ħaddiema u l-edukazzjoni tal-pazjenti huma s-sisien li jwasslu għall-Primary HealthCare aħjar. Il-*Practice Development Unit* kompla bil-ħidma tiegħu sabiex ikabbar it-tagħrif tal-pubbliku dwar is-servizzi li d-dipartiment joffri. Dan sar permezz ta` kampanji ta' edukazzjoni kif ukoll b'diversi b'attivitajiet informattivi. Fil-fatt ġew organiżżati diversi

attivitajiet edukattivi u korsijiet u dawn kienu mmirati kemm għall-klijenti kif ukoll għall-ħaddiema. L-*Infection Control Unit* ukoll kompla jagħti *lectures* u taħdidiet edukattivi dwar il-kontroll tal-infezzjonijiet.

Ħafna impjegati ġew magħżula u mibgħuta għal taħriġ organizzat mill-Institute for Public Services (IPS) filwaqt li impjegati oħrajn ġew mogħtija *sponsorships* permezz tal-*European Social Fund* sabiex ikomplu it-taħriġ tagħhom barra minn Malta.

Il-Primary HealthCare b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għas-Saħħa kif ukoll mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ta l-opportunita' lil diversi studenti fl-iskejjel tal-Gvern fir-raba' sena tal-iskola sekondarja kif ukoll lil studenti tal-MCAST sabiex jingħataw taħriġ relatat mal-istudji tagħhom.

## SEZZJONI TAL-ACCOUNTS U PROCUREMENT

Matul din is-sena l-arretrati nżammu fl-istess livelli tas-sena ta' qabel, jiġifieri bejn 3 u 4 xhur. F'ċerti każijiet dawn l-ammonti kienu inqas minn 3 xhur skont l-allokazzjoni tal-baġit.

### L-Allokazzjoni tal-Baġit

Dawn li ġejjin huma l-fondi allokati lid-Dipartiment tal-Primary HealthCare li jinqasmu fi spejjeż Rikurrenti, Kapitali u Programmi u Inizjattivi. Dawn il-fondi ġew użati għall-ħlasijiet ta' salarji, servizzi u għal kull xiri ieħor li jaqa` taħt ir-responsabilita` tad-dipartiment.

**Tabella 1- Fondi tad-Dipartiment tal-Primary HealthCare**

| Vot | | 2018 | 2017 |
|---|---|---|---|
| 12-17 | Salarji | 29,676,730 | 24,451,000 |
| 21 | Servizzi | 340.000 | 343,000 |
| 22 | Materjal u Provvisti | 309,000 | 297,000 |
| 23 | Tiswija u Manutenzjoni | 113,000 | 58,000 |
| 24 | Kera | 287,000 | 245,000 |
| 25 | Sħubijiet Internazzjonali | 5,000 | 2,000 |
| 26 | Spejjez Amministrattivi | 30,000 | 31,000 |
| 27 | Trasport | 53,000 | 46,000 |
| 28 | Safar | 3,000 | 4,000 |
| 29 | Servizzi ta` Informazzjoni | 21,000 | 2,000 |
| 30 | Kuntratti | 743,000 | 685,000 |
| 31 | Servizzi Professjonali | 386,000 | 325,000 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 32 | Taħriġ | 24,000 | 19,000 |
| 34 | Ospitalita | 5,000 | 1,000 |
| 5505 | Programm tal-iScreening Nazzjonali | 1,336,000 | 1,295,000 |
| 7137 | Vot Kapitali | 600,000 | 600,000 |
| 7386 | *Equipment for National Screening Unit* | 0 | 350,000 |

## Salarji

Id-Dipartiment tal-Primary HealthCare ġie allokat €29.67 miljuni għall-pagi li jirrappreżentaw madwar 91% tal-baġit kollu. Minbarra l-COLA, kien hemm ziedet fil-pagi skont il-ftehim kolletiv ta' Servizz Pubbliku, żiediet fil-pagi li jinkludu ukoll arretrati (2013-2017) fuq btajjal Publici kif mifthema skont il-ftehim li sar mat- tobba, ziedet fl-allowances skond il-ftehim settorali tan-nurses u l-midwives kif ukoll żidiet fil-pagi kienu attribwiti għall-impjegati ġodda li daħlu mad-dipartiment u progressions; fosthom Senior GPs, *GP Trainees, Allied Assistants,* u *Nurses*.

## Nefqa għall-Operat u Manutenzjoni

Il-baġit allokat għall-2018 għall-ispejjeż tal-operat u l-manutenzjoni zdied b'€261,000. Iż-żieda prinċipali kienet fil-Voti 30 – Kuntratti (€58K), Vot 31 - Servizzi Professjonali (€61K), u Vot 23 -Tiswija u Manutenzjoni (€55K). Matul is-sena tkomplew il-kuntratti ta' *pay-per-click* printers fejn minflok inxtraw il-printers, komplejna bil-ftehim ta' *leasing* biex b'hekk inħallsu skont kemm nikkunsmaw bil-prezz ikopri manutenzjoni u provisti. L-ispejjez l-oħra, fosthom; kontijiet tad-dawl u l-ilma u telefon, provisti ta' materjal, manutenzjoni, u kuntratti ta' servizzi baqgħu fuq l-istess livelli tas-snin ta' qabel, filwaqt li tkomplew il-miżuri biex jiġu iffrankati l-ispejjez bħal użu aħjar tas-servizzi kontrattwali u *preventive maintenance agreements*.

## Programmi u Inizjattivi

€1.33 miljun kienu allokati għall-Programm ta' l-iScreening Nazzjonali li jaqa` taħt ir-responsabilita` tal-Primary HealthCare, żieda ta' 3.1% fuq is-sena precedenti. Dan il-vot ikopri l-ispejjeż kollha li għandhom x`jaqsmu mal-programm inkluż is-salarji (61%), kapital (5%) u spiża rikorrenti (34%). L-ispiża rikorrenti tinkludi spejjeż relatati mal-fornitura ta' apparat mediku, manutenzjoni tal-apparat speċjalizzat, servizzi kontrattwali u servizzi ta` informazzjoni.

### Spiża Kapitali

Matul is-sena, id-Dipartiment tal-Primary HealthCare kompla bil-programm ta` tisbieħ u innovazzjoni fiċ-ċentri tas-saħħa u l-bereġ. L-ammont ta` €600,000 gie allokat għall-ispiża kapitali matul l-2018. Dawn li ġejjin huma analizi ta` kif intefqu l-flus fuq xogħol ta` infrastruttura u xiri ta` apparat.

## PROTEZZJONI TAD-DATA

Matul l-2018, il-fuljet-gwida tal-Primary HealthCare '*Data Protection for Primary HealthCare'*, il-formoli kollha kif ukoll l-proċeduri ġewwa d-dipartiment ġew mibdula jew aġġornati sabiex ikunu konformi mal-liġi l-ġdida tal-General Data Protection Regulation (GDPR).

## SERVIZZI KLINIĊI PPROVDUTI FIL-PRIMARY HEALTHCARE

### Servizz ta` Tobba

Matul is-sena 2018 żdiedu n-nies li attendew iċ-Ċentri tas-Saħħa meta mqabbla mas-sena 2017 filwaqt li naqsu l-ammont ta' viżti li saru fid-djar. Naqset il-klinika tar-riżultati għaliex qed tiġi ffaċilitata permezz tas-sistema ta' *'one stop shop'* fejn jekk il-pazjent jiġi għand it-tabib, ir-riżultat tad-demm jew tal-x-ray jingħata minnufih.

**Tabella 2: It-Tobba tal-Familja**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Viżti li saru fiċ-ċentri tas-saħħa | 370,695 | 394,404 |
| Riċetti ta` mediċini bl-appuntament | 35,430 | 36,029 |
| Viżti bl-appuntament li saru fil-bereġ | 103,323 | 102,933 |
| Viżti fid-djar tal-pazjenti | 23,612 | 23,570 |
| Klinika tar-rizultati | 8,012 | 7,592 |
| *Chronic Disease Management Clinic* | 4,568 | 5,712 |
| *Anticoagulant Clinic* | 17,884 | 19,294 |
| *Ear Syringing* | 2,533 | 3,016 |

## Servizz ta' Infermiera

Ir-rwol tal-infermiera fil-Primary HealthCare kompla jikber u jinkludi kliniċi mmexxija minn infermiera, kif ukoll kliniċi fejn l-infermiera tassisti. Dawn il-kliniċi jinkludu l-prevenzjoni, l-kura u r-rijabilitazzjoni tal-pazjenti fil-qafas tal-Primary HealthCare.

**Tabella 3: Kura mogħtija minn I*nfermiera***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Kura mogħtija minn infermiera fit-*treatment room* | 140,286 | 142,909 |
| *Plaster Room / Back Slab Clinic* | 1,343 | 1,435 |
| *Chronic Kidney Disease Prevention Cinic* | 1,352 | 1,232 |
| Investigazzjoniet tad-demm | 116,757 | 135,642 |
| Klinika tal-feriti | 39,461 | 43,318 |
| Klinika tad-dijabete | 15,176 | 16,867 |
| Klinika tal-konsulent kliniku u tax-*Schedule V* | 8,185 | 8,630 |

## Servizz ta` Ambulanza

Is-servizz tal-Ambulanza fil-Primary HealthCare baqa' jissaħħaħ matul is-sena 2018 sabiex jagħti servizz effiċjenti u ta' malajr lill-pazjenti li għandhom bżonn kura ta' emerġenza lejn l-isptar ta' Mater Dei. Dan is-servizz inaqqas il-ħin li pazjent b'emerġenza għandu jistenna sabiex jinqeda.

**Tabella 4: Servizz ta' Ambulanza**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta | 2,021 | 1,976 |
| Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid | 2,403 | 2,424 |

## Servizz ta’ *Port-a-cath*

Is-servizz ta’ *port-a-cath flushing li jingħata* lil dawk il-pazjenti li spiċċaw il-kemjoterapija u li jkunu għadhom bil-*portacath* kompla jigi estiż għaċ-Ċentru tas-saħħa tar-Rabat, Bormla u B’Kara. Permezz ta’ dan is-servizz, dawn il-pazjenti ma jkollhomx bżonn imorru l-isptar *Sir Anthony Mamo* sabiex jieħdu dan it-trattament.

**Tabella 5: Servizz ta’ *Port-a-cath***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| *Port-a-cath flushing* | 656 | 780 |

## *Electro Cardiogram Clinic* (ECG) Clinic

Is-servizz tal-ECG jingħata miċ-Centri kollha tas-saħħa u se jiġi estiż għaċ-Centru l-ġdid ta’ Ħal Kirkop is-sena li ġejja. Dan huwa servizz b’appuntament fejn pazjenti jisgħtu jiġu referuti mit-tobba taċ-Ċentri, tobba privati jew konsulenti miċ-Ċentri jew l-isptar Mater Dei.

**Tabella 6: ECG clinic**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| ECG Clinic | 3,746 | 4,138 |

### *Orthopaedic Outreach Clinics u Sports and Exercise Medicine Clinics*

Matul l-2018 baqaw jissaħħu diversi '*outpatient outreach clinics'* fiċ-ċentri tas-saħħa li barra li naqqsu d-domanda mill-isptar, ressqu dawn is-servizzi eqreb tal-klijent.

**Tabella 7: *Orthopaedic Outreach Clinics u Sports and Exercise Medicine Clinics***

| Servizz | 2017 | 2018 |
| --- | --- | --- |
| *Orthopaedic Outreach Clinics* | 5,075 | 5,557 |
| *Sports and Exercise Medicine Clinic* | 39 | 57 |

Il-Primary HealthCare ħadet inizzjattiva biex għall-ewwel darba jimpjega kirurgu ta' l-ortopedija sabiex titneħħa d-dipendenza li d-dipartiment kellu fuq Mater Dei. B'hekk il-pazjenti qed jinqdew b'servizz specjalizzat b'ħala *'one stop shop'*. Hemm maħsub li aktar konsulenti jiġu ngaġġati mal-Primary HealthCare per eżempju konsulent tad-dijabete.

### Klinika tal-Ġinekoloġija

L-għan ewlieni ta' din il-klinika hu, li noffru servizz tas-saħħa professjonali għan-nisa fil-komunità li jkun aċċessibbli u effiċjenti. Matul is-sena 2018 dan l-għan ppruvajna nattwawh billi offrejna erbgħa servizzi li huma:

**Tabella 8: *Klinika tal-Ġinekoloġija***

| Servizz | 2017 | 2018 |
| --- | --- | --- |
| *Klinika tal-Ġinekoloġija* | 6,539 | 8,683 |

### *Medical Imaging*

Il-Primary HealthCare investiet f'Diġital X-rays f'ħames ċentri tas-Saħħa li huma Furjana, Mosta, Raħal Ġdid, Qormi u Gzira. Hemm ħsieb li matul is-sena 2019 barra iċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta li jiftaħ erbgħa u għoxrin siegħa se jkun kemm ukoll dak ta' Raħal Ġdid.

**Tabella 9:** ***Medical Imaging Services (X-Rays)***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| *Medical Imaging Services (X-Rays)* | 41,392 | 45,769 |

## Kliniċi tal-Oftalmoloġija

Tlesta kollox sabiex jinfetaħ 'Centre of Excellence' tal-oftalmoloġija fiċ-Ċentru tal-Furjana għall-bidu tas-sena 2019. Dan se joffri sistema ta *'triage'* fejn pazjenti bi problemi tal-vista jistgħu jiġu analizzati mill-infermiera professjonali u jkompli it-tir ta' *'one stop shop'* fil-Primary HealthCare.

**Tabella 10:** ***Glaucoma Clinics,Optometry u Diabetic retinophaty screening.***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| *Glaucoma* | 5,759 | 6,099 |
| *Oftalmoloġija (refraction)* | 6,749 | 7,974 |
| *Diabetic retinopathy screening* | 2,626 | 2,787 |

## Servizzi Podjatriċi

Din is-sena 2018 infetħu żewġ kliniċi tal-Pojatrija fiċ-Ċentru ta' Ħal Kirkop u fil-Berġa taż-Żurrieq. L-ammont ta' nies li ġew moqdija mill-Podjatrija żdied meta mqabbel mas-sena li għaddiet, dan minħabba li żdiedu l-kliniċi ta' wara nofs inhar, servizz aħjar għat-tfal, filwaqt beda servizz ukoll għall-rekruti ġodda fil-militar u żdiedu kliniċi neurovaskulari.

**Tabella 11: Klinika Podjatrika**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Klinika Podjatrika | 82,425 | 92,558 |

## Kliniċi tal-Fiżjoterapija

Is- servizz tal- fiżjoterapija jingħata fiċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Mosta, B'Kara,Qormi, Floriana, Raħal Ġdid u Bormla. Għas-sena 2019 hemm ħsieb li jiddaħħal dan is-servizz ukoll fiċ-Ċentru rinovat tal-Gzira. L-ammont ta-nies li attendew għall-fiżjoterapija fit-2018 żdied konsiderevoli mis-sena 2017, dan grazzi għaż-żdieda ta' servizzi mgħotija wara nofsinhar li qed isiru kull ġimgħa minflok kull ġimgħatejn, appuntamenti miżjuda fiċ-Ċentri tal-Furjana u B'Kara biex jitnaqqas il-ħin ta' stennija f'Ċentri oħra.

**Tabella 12: Kliniċi tal-Fiżjoterapija**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Kliniċi tal-Fiżjoterapija | 24,836 | 28,638 |

## *Occupational Health Unit*

Matul is-sena 2018, l-Occupational Health (Medical) Unit kompla jwettaq id-dmirijiet u l-obbligi tiegħu bħas-snin ta'qabel mingħajr xi problemi partikolari.

**Tabella 13: *Occupational Health Unit***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Viżta ta' qabel l-impjieg | 3,878 | 4,721 |

## *NATIONAL HEALTH SCREENING UNIT*

## *Screening* għall-kancer tas-sider

Fl-2018 il-Programm Nazzjonali ta' Skrining tal-Kanċer tas-Sider kompla jespandi biex jinkludi n-nisa li għalqu 68 sena. B'hekk fl-2018 il-Programm inkluda l-faxxa ta' nisa ta'etajiet bejn il-50 u t-68 sena.

Matul is-sena 2018, is-servizz kompla jiffoka fuq kwalita kif ukoll iħeġġeġ lin-nisa biex jilqaw l-istedina u jieħdu sehem f'dan in-Programm. In-nisa li ma kienux attendew għall-iskrining fis-snin ta' qabel u li kien imisshom fis-2018, reġgħu ġew mistiedna biex jipparteċipaw. Il-parteċipazzjoni għas-sena 2018 żdiedet u laħqet 60%. Matul l-2018, 20,432 mara ġew mistiedna biex jipparteċipaw fil-Programm u ttieħdu 'l fuq

minn 12,900 mammogram. 622 mara reġgħu ġew imsejħa għal aktar investigazzjoni li minnhom 118-il mara kellhom bżonn biopsy. F'42 każ instab kanċer tas-sider. Mill-bidu tal-Programm tal-Iskrining tas-Sider fl-2010, total ta' 468 persuna instabilhom kanċer tas-sider.

### Programm ta` *Screening* tal-Musrana

Matul l-2018 il-Programm ta' Skrining tal-Musrana kompla jistieden irġiel u n-nisa ta' eta bejn il-57 u s-69 sena biex jipparteċipaw f'dan il-Programm, xi uħud jkunu qed jieħdu sehem għat tielet darba. Matul l-2018, in-numru ta' stediniet mibgħuta kompla jiżdied biex jilħaq total ta' 36,000, kważi 10,000 izjed mis sena ta' qabel. In-numru ta' testijiet għad-demm moħbi fl-ippurgar żdiedu b'57 % mis-sena ta' qabel. Minn total ta' 20,428 test, 868 irriżultaw pożittiv. Saru 744 test tal-colonoscopy li minnhom 436 kellhom il-polipi mneħħija u kienu identifikati 31 każ ta' kanċer tal-musrana l-kbira. Mill-bidu tal-Programm ta' Skrining tal-Musrana fl-2013, total ta' 139 persuna instabilhom kanċer tal-musrana.

### Programm tal-*iScreening* għall-Kanċer tal-Għonq tal-Utru

Il-Programm ta' Skrining tal-għonq tal-utru kompla matul is-sena 2018 bil-mira li jistieden in-nisa kollha ta' bejn il-25 u l-35 sena fuq bażi ta' tlett snin. Matul is-sena 2018, 11,055 mara kienu mistiedna biex jipparteċipaw. Minn dawn medja ta' 32% aċċetaw l-istedina u 2835 nisa attendew ghal appuntament fiċ-Ċentri tas-Saħħa kif ukoll fl-isptar ta' Għawdex biex jittieħed l-iSmear Test. B'Kollox saru 2,792 smear test. Ittieħdu miżuri kemm permezz ta' reminder letter, SMS jew telfonati biex ifakkru n-nisa biex jiġu u jattendu għall appuntament. Kien hemm żieda ta' 395 Smear Test fuq is-sena ta' qabel.

Minn 92 mara, fejn ir-riżultat kien abnormali, instabu 59 każ ta' infezzjoni bil-Human Papilloma Virus. 74 mara kellhom bżonn colposcopy,  u 18 kellhom bżonn iktar kura biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' kanċer tal-għonq tal-utru. Matul 2018 permezz tal-Programm tal-Iskrining ma nstabu l-ebda każ ta' kanċer tal-għonq tal-utru.

### IS-SERVIZZI TA` SPIŻERIJA FIL-KOMUNITA`

L-ispiżeriji tal-gvern tal-Furjana u dik ta' Rahal Ġdid jipprovdu s-servizzi farmaċewtiċi fi ħdan il-Primary HealthCare. Dawn jipprovdu kemm servizz dirett lil-pazjenti, kif ukoll dak indirett; billi jissuplixxu mediċini għal użu tal-kura tal-pazjenti li jżuru iċ-Ċentri tas-Saħħa.

**Tabella 14: Spiżeriji tal-Komunita`**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Spiżeriji tal-Komunita` | 12,371 | 10,518 |

### SPEECH AND LANGUAGE PATHOLOGY

Id-Dipartiment tal-iSpeech Language(SLD) joffri servizzi taħt l-awspiċi tal-kura tas-saħħa primarja (PHC). Is-servizzi huma mifruxa fil-komunità, u huma pprovduti lil numru ta ' entitajiet differenti.

**Tabella 15:** ***Speech and Language Pathology Clinic***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Speech and Language Pathology Clinic | 24,901 | 25,508 |

### KURA TAS-SAĦĦA TAT-TFAL U SERVIZZ NAZZJONALI TAT-TILQIM

**Tabella 16:** ***Kura tas-Saħħa tat-Tfal u Servizz tat-Tilqim***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Servizz tas-saħħa fl-iskejjel | 28,668 | 30,294 |
| Well Baby Clinic | 8,198 | 7,942 |
| Scoliosis Clinic | 610 | 968 |
| Servizzi Nazzjonali tat-Tilqim | 49,720 | 51,193 |
| Vaċċinazzjonijiet ta' influwenza | 90,700 | 85,700 |

## KLINIĊI SPEĊJALIZZATI OĦRA

**Tabella 17:** ***Kliniċi Speċjalizzati oħra***

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Down's Syndrome Clinic | 95 | 93 |
| Klinika tal-Kardjoloġija | 1,295 | 936 |
| Klinika tal-*Fibromyalgia* | 77 | 147 |
| Klinika tad-Dietician | 121 | 829 |
| Klinika tan-Nutritionist | n/a | 1,101 |

### *Interventi Minuri li saru fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta*

Qed isiru numru ta` operazzjonijiet fit-teatru għall-operazzjonijiet minuri fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta. Qed isiru wkoll operazzjonijiet minuri tal-ġinekoloġija bħal *colposcopies*. Interventi oħra jinkludu interventi minuri tal-ortopedija u l-oftalmoloġija, u interventi tad-dermatoloġija bħalma huma *skin tag removals.*

**Tabella 18: Interventi minuri fit-teatru tal-Mosta**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Dermatoloġija *'skin tag removals'* | 527 | 476 |
| Operazjonjiet tal-ortopedija | 71 | 205 |
| Operazjonijiet minuri tal-kirurġija | 185 | 231 |
| Avastin injections fl-għajnejn | 504 | 475 |
| Operazzjonijiet minuri tal-ġinekoloġija | 53 | 43 |

## Iċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex

Qegħdin isiru arranġamenti u pjanijiet sabiex iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Għawdex jibda jagħmel parti mill-Primary HealthCare matul is-sena 2019, filwaqt li jitnieda ċentru ġdid għall-Pubbliku kollu ta' Għawdex.

**Tabella 19: Attendenza fiċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex**

| Servizz | 2017 | 2018 |
|---|---|---|
| Servizz *ta`* tabib tal-familja | 41,868 | 43,028 |
| *Treatment Room* | 20,692 | 24,192 |
| Viżti fid-djar | 421 | 764 |
| Barranin | 3,375 | 4,846 |
| Tilqim | 5,387 | 7,080 |
| Bereġ | 23,330 | 25,627 |

## Programm ta' Taħriġ Speċċjalizzat fil- Mediċina tal-Familja

Il-Programm ta' Taħriġ Speċjalizzat fil-Mediċina tal-Familja (STPFM) tnieda f'Lulju 2007.
Tmintax-il apprendist ġdid tal-*General Practitioner* (GP) kienu rreġistrati u bdew it-taħriġ tagħhom f'Ottubru 2018, b'dan ġabu t-total ta' 57 l-apprendist. Portafoll ġdid għall-STPFM disponibbli permezz taċ-Ċentru ta' Taħriġ Mediku ta' Malta tnieda għall-użu mill-ewwel apprendisti GP. Matul is-sena 2018, sar il-programm ta' sessjonijiet obbligatorji ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (CPD) (mill-inqas darba fis-sena) għal dawk li jħarrġu l-apprentisti GP li kellhom apprendist GP assenjat lilhom.

## CUSTOMER CARE

Matul l-2018 din it-taqsima rċeviet 31 ilment (42 għanqas mis-sena ta' qabel). Dawn ġew kollha investigati u nstab li 11 każ (36%) minnhom kienu ġustifikati u ttieħdu azzjonijiet diversi dwarhom, 10 każ (32%) nstab li ma kienux ġġustifikati filwaqt li 10 każ (32%) ma setgħux jiġu kklassifikati u għalhekk ingħata l-benefiċċju tad-dubju favur il-kwerelant.

### PRACTICE DEVELOPMENT UNIT

It-taħriġ kontiwu u t-taħriġ mill-ġdid tal-Venepuncture qed jiġu mgħoddija lill-infermiera kollha minn April 2018. Kors ta' introduzzjoni ġie organiżżat għal rekluti ġodda ta' infermiera b'aktar minn ħames sessjonijiet ta 'filgħodu.

### *MIGRANT HEALTH LIAISON OFFICE*

Matul is-sena 2018 il- Migrant Health Liaison Office (MHLO) organizza u pparteċipa f'numru ta' attivitajiet, taħriġ u laqgħat relatati mal-immigrazzjoni u s-saħħa.

L-Uffiċċju għall-Kollegament tas-Saħħa tal-Migranti (MHLO-PHC) bħalissa huwa involut fi erbgħa Proġetti ta' Saħħa dwar l-Migranti relatati mal-Migrazzjoni u s-Saħħa, wara l-għeluq b'suċċess tal-*'Proġett CARE'* (2016-2017) u bħala parti mit-Tielet Programm tas-Saħħa-ĊAFEA. Tlieta mill-proġetti huma mmexxija mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Migrazzjoni u r-raba' wieħed li għadu fl-istadju tal-proposta huwa proġett ERASMUS.

## KONKLUZJONI

Is-sena 2018 kienet sena oħra ta` suċċess għall-Primary HealthCare. Matul din is-sena, is-servizzi pprovduti ġew imtejba u miżjuda sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tal-pazjenti. Saret enfasi speċjali fuq attivitajiet ta` prevenzjoni. Matul din is-sena l-Primary HealthCare nvestiet fit-tisbiħ taċ-ċentri tas-saħħa, fl-iżvilupp tar-riżorsi umani u f'xiri ta` apparat ġdid. Dan wassal sabiex matul is-sena, l-ħaddiema fi ħdan il-Primary HealthCare jilħqu l-miri u l-ħtiġijiet tal-partijiet kollha interessati, partikolarment tal-pubblika in generali.